MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 294/2014

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li perezz tieghu, wara li ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti huma awtorizzati jipprocedu b'din il-procedura in forza ta' prokura moghtija lilhom fil-31 ta' Mejju 2012, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok NV 1;
2. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-

zwieg hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok NV 2, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni in Atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok NV 3;
4. Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu / jircevu manteniment minghand xulxin;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;
7. Illi l-awtur tar-rikorrenti qieghed jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu permezz ta' affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok NV4;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja x-xoljiment taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Awissu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Norbert Vella;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Gunju 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------